MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 194/2013

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju elf disa' mija sebgha u sebghin (1977) registrat bin-numru progressiv wiehed zero hamsa sitta zbarra tas-sena elf disa' mija sebgha u sebghin (1056/1977) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li llum kollha maggjorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntatt ipprubblikat minn Nutar Francesca Spiteri Maempel fl-erbghatax (14) ta' Jannar elfejn u disgha (2009) (Dok A);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet fuq hlas ta' manteniment bejn il-partijiet ghaliex il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment a bazi ta' ftehim separat illi sar fl-istess gurnata tal-kuntratt li jinsab anness mal-kuntratt tas-separazzjoni;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex f'dawn ic-cirkostanzi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' April, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati

mill-14 ta' Jannar 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi il-partijiet ilhom snin twal de facto separati;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------